MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# Avviż Pubbliku - Maltese Cross Financial Services Limited

Dan l-avviż jipprovdi aġġornament fir-rigward tal-investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u fuq affarijiet oħra ta' interess, wara l-Avviżi Pubbliċi maħruġa mill-Awtorità fis-7 ta' Awwissu 2014, it-12 ta' Awwissu 2014 u t-22 ta' Awwissu 2014.

L-investigazzjonijiet tal-Awtorità dwar il-ġestjoni tal-kumpanija għadhom għaddejjin. Fil-kors ta' dawn l-investigazzjonijiet, l-Awtorita` appuntat ditta tal-awditjar biex bħala esperti tekniċi jkunu jistgħu jassistu lill-Awtorita' f'ċertu aspetti tal-investigazzjoni. Mill-investigazzjonijiet li saru s'issa, jirriżulta illi l-użu ħażin u l-manipulazzjoni tal-assi tal-klijenti seħħ fil-biċċa l-kbira fir-rigward ta' investimenti miżmuma mill-kumpanija fuq bażi ta' nominee.

Abbażi tal-investigazzjonijiet li saru s'issa, seta' jiġi stabbilit illi fid-data tal-11 t'Awwissu 2014 il-valur totali ta' investimenti miżmuma mill-kumpanija fuq bażi ta' nominee għan-nom tal-222 klijent tal-kumpanija suppost kellu jammonta għalftit iktar minn €6,950,000. Madankollu, il-valur totali ta' investimenti mhux mittiefsa u li allura kienu għadhom miżmuma fuq bażi ta' nominee fid-data tal-11 t'Awwissu 2014 kien jammonta għalftit inqas minn €475,000. Għaldaqstant jirriżulta li hemm nuqqas ta' ftit aktar minn €6,475,000.

F'Marzu 2015, ġie ppreżentat rikors il-Qorti għax-xoljiment u l-istralċ (likwidazzjoni) tal-kumpanija mid-diretturi ta' din il-kumpanija. L-Awtorità, bħala r-regulatur tal-kumpanija, talbet il-permess tal-Qorti biex tintervjeni fil-każ u din ir-rikjesta ġiet milqugħa mill-Qorti. Bħala miżura temporanja u sakemm tittieħed deċiżjoni minn naħa tal-Qorti dwar jekk il-kumpanija għandiex tiġi xolta u stralċjata, fit-28 ta' Mejju 2015 il-Qorti appuntat lir-Riċevitur Uffiċjali (Official Receiver) bħala amministratur provviżorju tal-kumpanija sabiex jieħu taħt il-kontroll tiegħu l-kumpanija u l-assi kollha tagħha u sabiex jamministra n-negozju tal-kumpanija minflok id-diretturi.

L-amministratur proviżorju m'għandux is-setgħa li jbiegħ jew jiddisponi mill-assi tal-kumpanija sabiex jitħallsu d-djun jew il-passiv tal-kumpanija. Jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-kumpanija għandha tiġi xolta u stralċjata, hemm imbagħad jinħatar likwidatur.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**MFSA Ref: 43-2015**
**24 ta' Ġunju, 2015**